# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1023/2021 JVC**

**Debbie Debono f'isimha proprja u f'isem binha minuri Kaiven Debono**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Debbie Debono f'isimha u f'isem binha minuri Kaiven Debono kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti hija omm l-iben minuri taghha Kaiven Debono illi twieled nhar it-12 ta' Novembru 2015 gewwa tal-Qroqq, Imsida, Malta hekk kif juri c-certifikat tat-twelid tieghu anness bhala Dok A;

2. Illi hekk fit-twelid tieghu, l-isem ta' binha minuri gie rregistrat bhala Kaiven, kif jirriżulta wkoll fuq l-istess certifikat tat-twelid tieghu surriferit;

3. Illi l-esponenti tiddikjara li dakinhar tat-twelid tieghu, hija tat l-isem lill-minuri taghha bhala Kaiven bi żball u li hija fil-verita xtaqet li ismu jkun Kai minflok;

4. Illi l-esponenti tghid ukoll li dan l-izball jirrifletti l-fatt li kienet ghaddejja minn xi problemi u ghalhekk kienet tat isem mhux mixtieq lil binha minuri u li tixtieq li ismu jinbidel minflok 'Kaiven' ghal 'Kai';

5. Illi hija ilha tixtieq issib iż-żmien opportun sabiex taghmel talba lil din l-Onorabbli Qorti rigward dan il-fatt izda minhabba problemi finanzjarji dejjem baqghet lura milli taghmel dan;

6. Illi l-esponenti qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fic-certifikat tat-twelid mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta, isem binha cioe' jinbidel minn Kaiven ghal 'Kai';

7. Illi hija l-unika genitur ta' Kaiven Debono tant li fic-certifikat tat-twelid huwa mniżzel bhala Unknown Father u ghalhekk hija ghandha l-kura, il-kustodja u r-responsabbilita' assoluta ta' binha minuri;

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghda titlob bir-rispett illi wara d-debita pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvem ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi fir-registrazzjoni tat-twelid, binha minuri Kaiven Debono jigi notat u jinbidel ufficjalment minn 'Kaiven' ghal dak 'Kai';

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tar-registrazzjoni tat-twelid ta' Kaiven Debono minn 'Kaiven' ghal 'Kai';

3. Tordna ukoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ta' Kaiven Debono biex b'hekk l-isem ‘Kaiven' jigi sostitwit bl-isem 'Kai'.

U dan hekk skont kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti ai termini skont il-ligi.’.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. ‘Illi in vena preliminari, l-esponent jagħmel referenza għall-artikoli 154 sa 160 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jitkellmu fuq il-proċediment b’rikors ġuramentat, u jagħmel referenza partikolari għall-artikolu 156(1)(ċ) illi jitkellem dwar it-talbiet f’rikors ġuramentat. Huwa pależ illi l-format tat-talbiet fir-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti ma jissodisfax il-kweżiti legali stipulati fl-artikolu preċitat u għalhekk l-azzjoni proposta mir-rikorrenti hija waħda monka;

2. Illi in oltre, mhux ċar jekk ir-rikorrenti hix qed taġixxi f'isimha biss jew f'isem il-minuri Kaiven ukoll, stante illi minkejja li l-okkju jindika li qed taġixxi wkoll f'isem binha, hija ddikjarat li r-rikors ġuramentat huwa esklussivament tagħha. F'każ li jirriżulta li hija qed taġixxi wkoll f'isem il-minuri Kaiven, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti għandha titlob li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa;

3. Illi bla ħsara għall-premess, la darba qed tintalab korrezzjoni ta' att jew atti tal-istat ċivili, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

4. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

5. Illi fil-premessi tar-rikors ġuramentat promotur l-attriċi tgħid illi meta semmiet lil binha Kaiven għamlet żball għax fil-verità hija xtaqet issemmih Kai u għalhekk intavolat il-proċeduri odjerni, bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna t-tibdil rikjest minnha fl-att tat-twelid ta' binha Kaiven innumerat 6075/2015, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1. L-esponent jissottometti illi għalkemm l-attriċi naqset milli tindika fuq liema artikolu legali qiegħda ssejjes l-azzjoni proposta minnha, kollox jindika illi hija qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq l-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili;

6. Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jirrileva illi Kai m'huwa xejn għajr verżjoni mqassra tal-isem Kaiven, u għalhekk it-tibdil li qed

jintalab mir-rikorrenti neċessarjament jinkwadra taħt l-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn il-proviso jgħid testwalment illi "t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv";

7. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent qiegħed joġġezzjona għat-talbiet attriċi stante illi l-bidla mitluba tmur kontra dak li jistipola l-proviso sopraċitat, billi effettivament tikkonsisti f'isem, ossia Kai, li m'huwa xejn għajr verżjoni mqassra tal-isem Kaiven, li huwa l-isem li kien mogħti mir-rikorrenti nnifisha lil binha;

8. Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni annessa fl-atti;

Rat li fuq ordni tal-Qorti gie esebit ic-certifikat proprju tat-twelid tal-minuri Kaiven Debono;

Rat illi l-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mid-Direttur intimat gew sorvolati fil-verbal tat-8 ta' Frar 2022;

Fil-mertu rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat u partikularment semghet ix-xiehda tar-rikorrenti Debbie Debono fejn ikkonfermat li ghalkemm hija semmiet lil binha Kaiven, fil-fatt tul hajtu huwa dejjem kien maghruf bhala Kai;

In vista li jirrizulta pruvat illi l-minuri minn dejjem kien maghruf bl-isem ta' Kai u wkoll ghaliex il-Qorti tqis illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi huwa juza l-isem li mrobbi bih;

Il-Qorti se tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna illi fir-registrazzjoni tat-twelid, ta' bin ir-rikorrenti Kaiven Debono li jgib in-numru 6075 tas-sena 2015 l-isem jinbidel ufficjalment minn 'Kaiven' ghal dak ta' 'Kai';

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tar-registrazzjoni tat-twelid ta' Kaiven Debono minn 'Kaiven' ghal 'Kai';

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna ukoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ta' Kaiven Debono fil-poter tad-Direttur intimat biex b'hekk l-isem 'Kaiven' jigi sostitwit bl-isem 'Kai'.

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti nnifisha.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Mejju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Mejju, 2022**